**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 71/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1064/2011)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li pemezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom celebrat fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fil-Knisja ta' Giezu, il-Belt Valletta u liema zwieg jinsab registrat mar-Registru

Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf u erbgha u sittin tas-sena elfejn u hdax (1064/2011) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet għandhom tifla D B li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019).

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Patrick Critien fid-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B).

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li jinsabu legalment separati huma llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u fil-fatt ilhom jirrisjedu separatament minn xulxin ghal din l-ahhar sena.

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut minn parti lil ohra fir-rigward tal- bzonnijiet tal-parti l-ohra tenut kont li, permezz tal-istess kuntratt ta' firda personali taghhom, huma ddikjaraw li qeghdin jiddekadu mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin kemm fil- prezent kif ukoll fil-futur.

6. Illi l-esponenti dejjem hallas manteniment adegwat ghal bintu skont kif maqbul permezz tal-istess kuntratt ta' firda personali approvat minn dina l-istess Qorti u ma hemm ebda arretrati dovuti.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega
8. ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011)

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Frar 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata u prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti wieġebet li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Settembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.